MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2014

Numru. 577/2012

**Illum 30 ta' Settembru 2014**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**ABO ISHAKK SULEIMAN**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Abo Ishakk Suleiman ta’ 44 sena, bin Ishakk imwieled Sudan fl-1 ta’ Jannar 1968 u joqghod fic-Centru Miftuh tal-Marsa, detentur tal-karta tal-identita numru 35858A, fejn gie akkuzat talli fl-14 ta’April 2012 ghall-habta ta’ 01:00am u hinijiet qabel waqt li kien fic-Centru Miftuh tal-Marsa, f’Xatt il-Mollijiet, Marsa :

1. Volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u coie’ ghamilt hsara fuq twieqi u bibien ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta u/jew persuni ohra ghal ammont ta’ 312.70ewro liema hsara ma tiskorrix elf mija u erbgha u sittin ewro, u disgha u sittin centezmu (1164.69) imma izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);

2. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghad illi kont xurban, ghidt fil-pubbliku xi kliem oxen jew indecent, jew ghamilt atti jew gesti oxxeni, jew b’xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali offendejt il-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

3. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi b’xi mod iehor mhux imsemmi fil-Kodici Kriminali, ksirt volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku;

4. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi bil-lejl ksirt il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b’mod iehor;

5. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi hebbejt kontra John Johnson sabiex tingurjah, iddejqu jew taghmillu hsara jew lilu jew anke lill haddiehor kemm il-darba dan il-fatt ma jaqax taht xi dispozizjoni ohra ta’ dan il-Kodici.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta ta’ John Johnson u tapplika l-provvedimenti ta’ Art. **383, 384 u 385** tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-31 ta` Mejju 2012 sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament ;

Rat li, fl-udjenza ta' llum 30 ta' Settembru 2014, wara l-qari ta` l-akkuzi bil-gurament u waqt l-ezami, saret l-ammissjoni inkondizzjonata minn naha ta` l-imputat, f'liema ammissjoni huwa baqa jippersisti anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. il-fedina penali;
b. l-ammissjoni bikrija ta` Abo Ishakk Suleiman li, ghalkemm ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, f'dan il-kaz din il-Qorti qed taghtiha piz sostanzjali fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b'din is-sentenza;

c. il-fatt li, kif deher fl-udjenza ta` llum stess, l-imputat gharaf li zbalja sew u ghamel apologija pubblika lill-awtoritajiet koncernati;

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-karattru ta` l-imputat, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 325(b), 338(bb)(dd)(m) u 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Abo Ishakk Suleiman hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Abo Ishakk Suleiman bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` sentejn mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Abo Ishakk Suleiman fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------